MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1487/2003

**Michael Mizzi**

**vs**

**Simon Debono**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sittax il-Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm616.45) rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu tal-marka Toyota bin-numru tar-egistrazzjoni EAZ 543 fl-incident stradali li sehh fit-112 ta' April 2002 gewwa Triq il-Pitkali kantuniera ma Triq il-Gradilja, Attard bejn il-vettura tal-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni KBE 564, ghall-liema ncident jahti l-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali li giet prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll ikkontestat.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Mark Falzon u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partiijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fit-12 ta' April 2004 fi Triq il-Pitkali, kantuniera ,ma Triq il-Gradilja, H'Attard bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 543 misjuqa minnn Mark Falzon u propjeta' tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBE 564 misjuqa mill-konvenut.

Mark Falzon xehed lli fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vann bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 543 fi Triq il-Pitkali, H'Attard u sejjer fid-direzzjoni ta' Ta' Qali. Huwa jispjega li quddiemu izda aktar lejn il-hajt man-naha tax-xellug kien hemm il-vettura misjuqa mill-konvenut. Mark Falzon isostni li dan tal-ahhar kien qed jitkellem fuq il-mobile phone waqt li kien qed isuq. Dejjem skond Falzon meta huwa kien madwar ghoxrin (20) metru l-boghod mill-vettura tal-konvenut dan qabad u qasam ghall-gharrieda quddiemu biex jidhol fi Triq il-Gradilja u dan minghajr ma xeghel ebda indicator. B'hekk sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi. Falzon jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fuq

quddiem mal-mudguard u l-bonnet filwaqt li fil-vettura tal-konvenut din kienet fil-bieba ta' quddiem man-naha tas-sewwieq. Falzon qal ukoll li huwa ried jipprocedi ghad-dritt u kien qed isuq b'velocita' ta' madwar erbghin (40) jew hamsin (50) kilometru fis-siegha. Huwa spjega wkoll li qabel l-impatt kien qed isuq fuq sajdu u l-vann minnu misjuq spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq bl-impatt.

Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq il-Pitkali, H'Attard, kien ghadu kemm dar il-kantuniera u ried idur ghal Triq il-Gradilja. Huwa ghalhekk waqaf fin-nofs tat-triq jistenna l-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta jipprocedu. Huwa jghid li kien qed isuq fuq il-karreggjata ta' barra biswit il-linja medjana tat-triq. Waqt li kien wieqaf bl-indicator mixghul hass daqqa sostanzjali mal-bieba tad-driver. Huwa jghid ukoll li fl-ebda mument qabel il-habta ma kien ra l-vettura misjuqa minn Falzon. Meta hareg mill-vettura ra skid marks ta' madwar tul ta' erba' vetturi fuq il-karreggjata ta' barra. Il-konvenut cahad kategorikament li huwa kien qed jitkellem fuq il-mobile phone immedjatament qabel l-impatt u esebixa estratti mill-kont rilevanti in sostenn ta' dan il-fatt.

Jibda biex jinghad li hemm diskrepanzi sostanzjali bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa viva voce quddiem dan it-TRibunal dwar kif sehh l-incident u l-verzjonijiet minnhom moghtija 'a tempo vergine'' hekk kif riportati fir-Road Accident Report esebit a fol. 16 et seq. tal-process. L-ikbar diskrepanzi jirrigwardaw il-verzjoni moghtija mill-konvenut. Fir-Road Accident Report fil-fatt insibu li 'a tempo vergine' l-konvenut kien qal is-segwenti:- *"Kont ghaddej minn Triq il-Pitkali, h'Attard fid-direzzjoni li minn H'Attard taghti lejn Ta'Qali, xeghelt l-indicator biex indur lejn il-lemin tieghi, cioe' go Triq il-Gradilja u slowjajt minhabba li mid-direzzjoni opposta kienu gejjin xi vetturi u malli bdejt indur ghal go Triq il-Gradilja giet vettura EAZ 543 minn warajja u dahal go fija."* Fir-Road Accident Report insibu wkoll *"Ix-xufier tal-vettura KBE 564 stqarr li x-xufier tal-vettura EAZ 543 kien ghaddej bi speed eccessiv kif ukoll kien qed isuq fuq in-naha l-ohra tat-triq meta sehhet il-kollizzjoni".*

Dwar din l-ahhar parti tal-istqarrija moghtija lis-surgent mill-konvenut it-Tribunal ezamina l-iskizz, li qablu dwaru iz-zewg partijiet, u ikkonstata li t-tyre marks wara ;l-vettura misjuqa minn Mark Falzon jidhru li huma fuq in-naha t-tajba tat-triq, fis-sens li huma fil-karreggjata ta' barra u cioe' dik li suppost isuqu fiha vetturi sejrin lejn Ta' Qali. Jidher ghalhekk li Mark Falzon kien qed isuq fuq sajdu meta sehh l-impatt. Inoltre it-tul tal-imsemmija tyre marks huwa indikat bhaal ghaxar (10) metri li certament ma jindikax speed eccessiv. Irid jigi rilevat fir-rigward li l-konvenut stqarr li huwa ma kienx ra l-vettura ta' Falzon qabel l-impatt u ghalhekk isegwi li huwa ma setghax jara din il-vettura tinstaq fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'velocita' eccessiva.

Id-diskrepanza principali bejn il-verzjoni moghtija mill-konvenut a 'tempo vergine' u l-verzjoni moghtija quddiem dan it-Triibunal tirrigwarda l-fatt li 'a temppo vergine' huwa stqarr li kien miiexi u qed jikser sabiex jidhol fi Triq il-Gradilja filwaqt li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2003 huwa xehed li kien wieqaf qed jistenna biex jaqsam meta sehh l-impatt. It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija 'a tempo vergine' u dan stante li din il-verzjoni kwazi dejjem tkun tirrifletti dak li effettivament gara ghaliex wara is-sewwieq ikollu cans jimmodifika l-verzjoni tieghu kif l-aktar li jaqbilllu, u dan aktar u aktar wara li jkun iddiskura jew tkellem ma terzi dwar l-incident. Inoltre l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif indikata fl-iskizz tindika li huwa kien in motion fil-mument tal-impatt.

L-istess jinghad in kwantu jirrigwarda l-verzjoni moghtija minn Mark Falzon. 'A tempo vergine' huwa kien stqarr li fil-mument tal-impatt huwa kien qed jissorpassa l-vettura tal-konvenut peress li dan tal-ahhar kien qed isuq bil-moghod u ma kellux indicator mixghul filwaqt li 'a viva voce' huwa ma semma xejn dwar il-manuvra ta' sorpass li kien qed jeffetwa.

Fil-fehma tat-Triibunal l-incident de quo sehh waqt li Mark Falzon kien qed jeffetwa l-manuvra ta' sorpass fuq il-karrreggjata ta' barra u l-konvenut li kien qed isuq fuq l-inner lane effetwa right hand turn biex jidhol fi Triq il-

Gradilja u b'hekk imblokka l-karreggjata ta' Falzon. Dan tal--ahhar issotni li l-konvenut effetwa din il-manuvra minghajr ma xeghel l-indicator filwaqt li l-konvenut jghid li huwa kellu l-indicator mixghul. It-Tribunal huwa tal-fehma li anki kieku l-konvenut effettivament xeghel l-indicator qabel ma effetwa r-rght hand turn huwa xorta ma ssodisfax l-obbligi rikjesti minn sewwieq prudenti li jaghmel dik it-tip ta' manuvra. Huwa fil-fatt kellu wkoll jaccerta ruhu li s-sewwieqa l-ohra li kienu qed jipporcedu fit-triq kienu fehemu l-intenzjoni tieghu li jdur lejn il-lemin,, haga li rrizulta ampjament li m'ghamilx ghaliex huwa ma harisx warajh biex jara x'traffiku kien gej minn dik id-direzzjoni qabel ma dar ghaliex altrimenti kien jara l-vettura ta' Falzon gejja minn warajh mentri huwa stqarr li ra din il-vettura biss mal-impatt. It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li l-konvenut ghandu jigi akkollat bir-responsabilita' princiapli ghall-incident.

Mark Falzon kien ukoll responsabbli ghall-incident de quo, anki jekk fi grad anqas mill-konvenut,  u dan ghaliex huwa ttenta jeffetwa manuvra ta' sorpass 'at a junction' haga li hija espressament projibita mill-Artikolu 74  tal-Highway Code.

Ir-responsabilita' ghall-incident in kwistjoni qeda' tigi ghalhekk apporzjonata in kwantu ghal zewg terzi (2/3) lill-konvenut u terz (1/3) lill-Mark Falzon.

Fir-Risposta tieghu il-konvenut eccepixxa wkoll li l-quantum tad-danni reklamat mill-attur kien esagerat izda huwa ma ressaq ebda provi sabiex jirribatti l-provi mressqa mill-attur fir-rigward. L-attur fil-fatt esebixxa l-ircevuti kollha in sostenn tat-talba tieghu u d-danni reklamati jidher li huwa konformi ma-dinamika tal-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi t-Triibunal jaqta' u jidddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' erba' mija u ghaxr liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm410.96) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin u sitta u disghin centezmu

(Lm410.96). bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------